MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 724/2002/1

**Gasan Mamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Irene Bugeja sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Irene Bugeja**

**vs**

**John Agius**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm 306.78c (tlett mija u sitt liri Maltin u tmienja u sebghin centezmi) rappesentanti danni kkagunati f' incident awtobilistiku tat- 12 ta' Marzu, 2000 gewwa Triq il-Kappillan Mifsud, Hamru bejn il-vettura bin-numru ta'

registrazzjoni AAO 414 misjuqa minn u proprjeta’ tal-assikurata tas-socjeta’ attrici li kienet assikurata taht polza ‘comprehensive’ mahruga mill-istess socjeta’ attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kawzati fil-vettura tal-assikurata taghha salv ghal mitt lira Maltin (Lm100.00c) “Excess” li thallasu mill-atturi Irene Bugeja, u l-vettura numru EAW 107 misjuqa mill-konvenut John Agius, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad- 19 ta’ 2001, u dawk tal-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax pagabbli mid-19 ta’ Ottubru, 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn il-konvenut ecepixxa illi l-incident de quo ma garax tort tal-konvenjt izda htija ta’ l-attrici Irene Bugeja.

Ghalhekk ma hemmx danni x’ jigu likwidati favur l-atturi.

Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghqall-premess, l-atturi ghandhom igibu prova tad-danni.  Inoltra ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ danni favur l-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi u bl-ispejjes kontra l-atturi.

Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti

Ikkonsidera

Illi l-attrici tallega li l-konvenut, filwaqt li kien qed jaghmel manuvra ta’ U-turn fi Triq Kappillan Mifsud, Hamrun, dahal fuqha mal-genb tal-lemin, ossia fuq in-naha taghha.  Di fatti ratu wieqaf, jibda l-manuvra u jispicca fiha.  Dan hu konfermat anki mill-passiggiera taghha Patricia Mifsud.

Il-konvenut da parti tieghu jammetti li ghamel U-Turn, pero' meta ra li ma kienux gejjin vetturi la mill-faccata u lanqas minn warajh. Lill-attrici fl-ebda mument ma ra – ra biss d-daqqa mal-genb tieghu tax-xellug.

L-adoperazzjoni ta' manuvra ta' U-turn hija ferm skonsiljata billi l-adoperand irid jaqsam zewg linji ta' traffiku, wahda opposta ghall-ohra. Ser ifixkel il-free flow of traffic sia minn fejn gej hu u sia fejn irid imur. Mhux hekk biss, izda l-grad ta' attenzjoni, perizia u prudenza li trid tigi esercitata ghandha tkun massima. Jiddependi t-triq, l-uzu li jsir minnha, it-traffiku, l-importanza taghha, l-ambjent. Dawn huma fattur li min ser jassumi r-responsabbilta' ta' U-turn – li wara kollox mhux manuvra normali ta' sewqan stante li kien wiehed idawwar u dan hu l-iskop taghha, isib roundabout u jdur maghha – irid necessarjament jaghti kaz taghhom. Qed jiehu r-riskju tal-manuvra u ghandhu jassumi r-responsabbilta' tal-konsegwenzi fl-eventwalita' li l-istess manuvra ma tigix terminata u/jew ma jkolliex success jew ezitu pozittiv.

Ma jistax ikun li l-attrici jkollha vizwali tal-konvenut, mentri l-konvenut jistqarr li ma rahiex – anzi mhux lilha biss izda lill-ebda vettura ohra. Wiehed hawn qed jitkellem bfuq triq arterjali tant li tqassam traffiku gahl fuq arterji ohra. Lanqas ta' indikazzjoni li ser jaghmel il-manuvra. Aktar, ta' inizju ghaliha minn stat stazzjonarju mal-bankina li kien ipparkjat. Kellu vizwali miftuhin minghajr ebda ostakolu.

Dwar l-operat tal-attrici, it-Tribunal ma jiskontra l-ebda kontribuzzjoni ghas-sinistru. Veru li l-attrici ghamlet manuvra biex tiskapula sprall ferm ikrah u perikoluz li jinsab fl-inkrocju tat-triq. Pero' l-attrici kellha kull dritt li tiehu dawk il-mizuri necessarji w opportuni biex ma tikkagunax hsara la fil-vettura u wisq anqas fil-persuni li kienu fl-istess vettura.

Dwar id-danni, dawn ma gewx kontestati mill-konvenut.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut

ihallas is-somma ta'  tlett mija u sitt Liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm306.78)  bl-ispejjes u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------